

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' April 2013

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Suomen Pankki

(BĊE/2013/12)

(2013/C 126/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tas-Suomen Pankki ntemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk neċessarju li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2013.

- (3) Suomen Pankki għażel lil PricewaterhouseCoopers Oy bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2013 sa 2019,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rakkomandat illi PricewaterhouseCoopers Oy għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Suomen Pankki għas-snin finanzjarji 2013 sa 2019.

Magħmula fi Frankfurt am Main, is-26 ta' April 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI